# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 26 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru: 226/13 CSH**

**S.I.T. Special Interest Travel Limited**

**vs**

**MaltaTicket.com Limited**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Awwissu 2013, permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€6,418.47) rapprezentanti hlas bil-quddiem maghmul minnha lis-socjeta' konvenuta in linja ta' prezz ta' biljetti in konnessjoni ma' visti f'muzewijiet ghat-turisti u liema biljetti s-socjeta' konvenuta baqghet qatt ma kkonsenjat lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment u bl-imghax kummercjali dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2013 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li giet prezentata fil-11 ta' Ottubru 2013 fejn eccepiet:

1. *"Illi fl-ewwel lok dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna stante li bejn il-partijiet jezisti ftehim (Dok. A) li fi Klawsola tmienja (8), ir-raba' (4) punt tieghu jipprovdi li kull kwistjoni dwar interpretazzjoni tal-ftehim ghandha tigi rizolta mic-Centru Malti ta' l-Arbitragg. Kif ghandu jirrizulta, it-talbiet tas-socjeta' attrici ha jkunu jehtiegu interpretazzjoni ta' klawsola erbgha (4) tal-ftehim imsemmi, u huwa propju ghalhekk li dina l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti dwar din il-materja.*
2. *Illi fit-tieni lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak li qed titlob is-socjeta' attrici mhuwiex permessibbli stante li dak li qed titlob l-istess socjeta' huwa li tiehu lura flus li hija stess poggiet a dispozizzjoni tas-socjeta' esponenti sabiex dawn il-flus jintuzaw ghall-bejgh ta' biljetti. Skond klawsola erbgha (4) tal-kuntratt appena msemmi, is-socjeta' attrici mhix permessa tigbed lura flus minn dawk li tkun poggiet fil-fond hemm imsemmi, u tista' titlob lura biss biljetti. F'dan ir-rigward ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija barra minn lokha.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-bqija t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati fil-kors tal-kawza."*

**Dr David Pollina** xehed nhar is-26 ta' Frar 2014 bil-lingwa Ingliza tradotta ghall-lingwa Maltija mill-Qorti u muri l-ftehim esebit fl-atti tal-kawza mmarkat bhala Dok A a fol. 8 ikkonferma li dan kien il-ftehim li rabat il-kontendenti. Ikkonferma li s-socjeta' konvenuta hija is-socjeta' tieghu u gharaf il-firma tieghu a fol 9 tal-process. Qal li huwa jokkupa il-kariga ta' CEO Managing Director tas-socjeta' konvenuta u spjega li din is-socjeta' toffri servizzi lis-socjeta' attrici.

Spjega li l-hlas isir tramite sistema ta' kont top-up simili hafna ghas-sistema li tintuza bit-top up cards tal-telefons cellulari u din is-sistema ta' hlas hi koperta b'dan l-istess ftehim, partikolarment il-klawsola numru 4 imsejha '*payments account'*. Spjega li f'kaz li kien hemm dizgwid bejn il-partijiet il-ftehim jipprovdi ghal zewg tipi ta' litigju, wiehed li jinvolvi ksur tal-ftehim u l-iehor jinvolvi kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-ftehim. Il-klawsola numru 8 imsejha 'General Provisions', u appuntu il-punt erbgha jipprovdi li kwistjonijiet dwar dizgwid dwar interpretazzjoni tal-ftehim ghandhom imorru quddiem ic-Centru ta' Arbitragg Malti, waqt li l-punt hamsa jipprovdi li f'kaz ta' proceduri legali fuq ksur tal-ftehim il-partijiet ghandhom jirrikorru lejn il-Qorti ta' Malta. Spjega li fil-kaz odjern il-kwistjoni hija wahda dwar ksur tal-ftehim. Is-socjeta' attrici tixtieq tirtira flus mis-sistema tat-top-up u fil-ftehim ma hemm xejn dwar din il-facilita' u hu appuntu ghalhekk li hija l-Qorti li ghandu jkollha l-gurisdizzjoni li tisma' dan il-kaz.

**Dr David Pollina in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta** xehed bil-lingwa Ingliza fil-5 ta' Novembru 2014 fejn gie muri Dok. E li jinsab esebit a fol 79 tal-process. Huwa spjega li din hija kopja ta' ittra li kienu baghtu b'email lit-tour operators kollha nkluz is-socjeta' attrici ghar-raguni ndikata f'din l-ittra stess. Ix-xhud saritlu referenza a fol 103 tal-process. Din l-ittra

ntbaghtet lil Dr Baldacchino li huwa rapprezentant ta' Heritage Malta liema ittra kienet intbaghtet minghajr pregudizzju. Huwa pprometta li fis-seduta sussegwenti jesebixxi *transaction history* tal-pagamenti li s-socjeta' attrici ghamlet lil Heritage Malta.

**Dr David Pollina** rega' xehed bil-lingwa Ingliza fid-19 ta' Novembru 2014. Huwa ddikjara li kien gie mitlub sabiex igib *transaction history* dettaljata li s-socjeta' attrici ghamlet lil Heritage Malta. Huwa spjega li din hija difficli hafna biex iggibha ghax tikkonsisti f'mija u hamsin pagna, pero' ghamel sommarju relattiv li huwa esebixxa u li gie mmarkat bhala Dokument DP. Huwa ghadda kopja ta' dan id-dokument lill-parti l-ohra. Ix-xhud spjega li f'dan il-perjodu ta' zmien kien hemm aktar minn sittax-il elf transazzjoni. Mistoqsi biex jipprezenta l-invoices rigward il-pagamenti li saru fis-sena 2011 wiegeb li ma hemm l-ebda invoices izda hemm xi top ups. Huwa kien sejjer jesebixxi dan id-dokument fis-seduta sussegwenti.

**Dr David Pollina** rega' xehed fit-22 ta' April, 2015 bil-lingwa Ingliza fejn ikkonferma l-partijiet f'dan il-kaz kienu waslu ghall-ftehim bejniethom rigward agenzija. Dan il-ftehim kien sar fil-5 ta' Frar 2008 u li jinsab f'pagna 8 tal-process immarkat bhala Dokument A u x-xhud jikkonferma li dan id-dokument huwa kopja awtentikata ta' l-originali. B'dan il-ftehim l-attur setgha jkollu access li johrog biljetti mill-Malta Ticketing System fuq dak kollu li kien jinsab fis-sistema minghajr l-ebda restrizzjoni.

Filfatt f'dan il-ftehim hemm miktub li l-agenzija hija fil-*business* li tipprovdi *value added service* ghat-turisti li jigu jzuru Malta u l-agenzija tkun tista' taqla' *commission* fuq il-bejgh mill-biljetti tad-dhul fis-sistema u jibbenifikaw minn skontijiet offruti minnhom. Din l-agenzija ghadha topera s'issa. Il-*users*

ghadhom attivi, anke l-*account* taghhom u tul numru kbir ta' snin kien hemm varjeta' kbira ta' biljetti, fejn kienu jinkludu numru ta' avvenimenti u siti.

F'dan il-kaz qal li s-socjeta' attrici xtaqet li johorgu flus mit-*top up account* taghhom. Dan it-*top up account* gie mwaqqaf skont Sezzjoni 4 tal-ftehim li hija msemmija bhala *Payments Account*. Dan il-*payment account* jipprovdi sistema ta' top ups simili ta' dawk li jintuzaw mill-Vodafone u cioe' li tpoggi l-flus fl-*account* u konsegwentament tkun tista' tigbed il-biljetti. Wiehed mill-gruppi ta' biljetti li kienu jinsabu fis-sistema ta' dak iz-zmien kienet Heritage Malta. Kien hemm diversi muzewijiet ohra indipendenti li jinkludu Fondazzjoni Wirt Artna li topera erba' siti taghhom stess, The Aviation Museum u diversi siti fl-Imdina. Saru wkoll numru kbir ta' kuncerti u filfatt kellhom hames mitt (500) kuncert u sar ukoll il-Karnival ma' The Malta Council and Cultural Arts. Is-sistema ma kienitx limitata bl-ebda mod ghall-Heritage Malta. Huwa stqarr illi mhux se jiddiskuti l-fatt illi l-atturi kienu uzaw l-*account* primarjament ghal xiri ta' biljetti ta' Heritage Malta. Pero' dan qatt ma kien l-iskop ghal dan il-ftehim u qatt ma kien hemm restrizzjonijiet fuq dan ir-rigward f'dan il-ftehim.

Is-socjeta' attrici ma kinitx wahedha li bdiet tuza tip wiehed ta' biljetti. Kien hemm *accounts* ohra li kienu juzawh ghal tipi ohra ta' biljetti. Skond ir-*records* li ghandhom ghad-dispozizzjoni taghhom fuq dak il-perjodu l-attur kien hareg total ta' 21,238 biljetti fuq dak l-*account*. Huma rcevew 580 *complimentary tickets* wkoll u gew kancellati 591 biljetti. B'hekk irrizulta total nett ta' biljetti mahrugin tul is-snin fl-ammont ta' 16,155. Huwa ghamel rapport fejn irrizulta li kien hemm biljetti mahrugin ghal siti ohrajn apparti l-Heritage sites b'mod partikolari lil-Limestone Heritage, The Aviation Museum, Karnival tas-sena elfejn u disgha (2009), Karnival tas-sena elfejn u

ghaxra (2010), Karnival tas-sena elfejn u hdax (2011) kif ukoll il-Malta Jazz Festival. Huwa spjega li l-bicca l-kbira tan-numru ta' biljetti originarjament kienu ghal Malta Heritage Sites. Ix-xhud esebixxa dokument li ghamel hu stess li gie mmmarkat mill-Qorti bhala Dokument DP u dan ghall-biljetti li s-socjeta' attrici kienet xtrat.

Ix-xhud ikkonferma li fl-ahhar tas-sena 2011 is-socjeta' minnu rapprezentata u cioe' is-socjeta' konvenuta Malta Ticket kellha konflitt ma' Heritage Malta u sa fejn jaf hu dan il-konflitt kien ghadu pendenti quddiem il-Qorti. Meta nqalghet din il-problema, Heritage Malta taghat lis-socjeta' konvenuta avviz qasir ta' *notice* illi kienu ha jtemmu l-kuntratt maghhom u fil-fehma taghhom dan sar illegalment u b'mod abbuziv. Konsegwenza ta' dan illum jinsabu l-Qorti. Meta saru jafu bl-intenzjoni taghhom huma nnotifikaw l-agenti kollha inkluza s-socjeta' attrici. Diversi kumpaniji urew thassib simili tal-Kumpanija attrici peress li uzaw l-account taghhom l-aktar ghall-Heritage Malta, meta Heritage Malta tawhom avviz qasir u ma kellhomx neccessarjament zmien biex jigbdu l-fondi li gew *topped up* u fil-fehma tieghu din kienet raguni valida u din kienet tqajment tramite il-federazzjoni tal-agenzija tas-safar u tat-tour ma' Heritage Malta. U direttament ukoll ma' Heritage Malta.  Sa dak iz-zmien kienu lahqu baghtu hafna korrispondenza sakemm ghadda z-zmien tan-*notice* fosthom lill-kumpanija attrici.

Ix-xhud esebixxa wahda minn dawn il-korrispondenzi datata 7 ta' Dicembru 2011 li  giet immarkata bhala Dok DP1 li turi d-dritt u r-reponsabilita' tal-agenzija u l-fatt li jistghu jibqghu juzaw it-*top up* fuq dak kollu li huwa pprovdut mis-sistema u bla ebda limitu ta' zmien. Ix-xhud ghamel referenza ghall-punt numru 3 ta' din l-email datata 7 ta' Dicembru 2011 esebita Dok DP1 partikolari dik msemmija "what about funds and top up, can I withdraw

them?" u t-twegiba kienet specifikament le. Il-fatt huwa li t-*top up account* mhux bank *account*. B'referenza partikolari ghall-paragrafu erbgha "when will Heritage Malta Tickets will expire".

Huwa tenna li rrifjutaw li jaghtu koncessjonijiet lill-klijenti taghom. Ix-xhud qal illi s-socjeta' tieghu hija sistema tat-transazzjoni fiskali, huma l-*middleman* bejn Heritage Malta u s-*suppliers* l-ohra u dawk li jixtru l-biljetti bhal individwi u *tour operators*. Dan ma jfissirx li huma ma wrewx simpatija ghall-pozizzjoni tal-kumpanija attrici. Ftit granet qabel ma nqata' s-servizz ma' Heritage Malta liema sistema waqfet fil-21 ta' Dicembru 2011 huma baghtu komunikazzjoni ghall-agenti li jinkludu l-kumpanija attrici. Ix-xhud ezebixxa kopja ta' din il-komunikazzjoni li giet immarkata bhala Dokument DP2. Din fil-fatt kienet datata 19 ta' Dicembru 2011. Din specifikament qieghda ndirizzata taht is-*subtitle* "*action needed*" li tikkoncerna partikolarment ftit operaturi li juzaw is-servizz biss biex jaghmlu *top up* ta' Heritage Malta. Huma avzaw l-agenziji kollha minn qabel jekk huma juzaw biss it-*top up* ghal Heritage Malta huma kellhom jixtru l-biljett minn qabel.

Wara *follow up* ta' din il-komunikazzjoni li hija ezebita bhala Dok. DP 2, ix-xhud personalment immoniterja numru ta' *accounts* li kienu mhassba nkluz il-kumpanija attrici u meta nnota li l-istruzzjonijiet ma gewx osservati, ix-xhud cempel lill-kuntatti li kellu ta' dawk il-kumpaniji. Huwa kien cempel fl-20 ta' Dicembru 2011 li tigi gurnata qabel inqata' s-servizz ma' Heritage Malta, fakkarhom li jekk huma ma kienux ha juzaw il-fondi taghhom ghal xi haga ohra kellhom jirtiraw il-biljetti ta' Heritage Malta. Il-kumpanija attrici m'ghamlitx dan u wara l-istess kumpanija attrici marret fuq ix-xhud biex tigbed il-flus taghha. Ix-xhud kien ghamilha cara l-pozizzjoni tieghu u ghamel referenza ghall-kuntratt li jipprovdi s-sistema tat-*top up* ghax jekk huma

jippermettu li jingibdu l-flus ikunu qed imorru kontra l-Malta Financial Services Act. Huwa spjega li kien informa s-socjeta' attrici fix-xahar ta' qabel twaqqaf is-servizz b'din il-pozizzjoni tas-socjeta' tieghu. Ix-xhud sostna li ta' spiss informahom b'din l-intenzjoni.

Mistoqsi ma' min kien jitkellem bhala rapprezentant tal-kumpanija attrici wiegeb illi ma jiftakarx pero' generalment kien jitkellem mad-direttur li f'dan il-kaz huwa Anthony Rossi. Mitlub jghid xi tfisser FATTA wiegeb illi hija Federation of Tour and Travel Agencies u cioe' hija assocjazzjoni lokali.

**Dr. David Pollina** rega' xehed bil-lingwa Ingliza fis-7 ta' Ottubru, 2015 u qal li huma jkollhom rekords ta' kull depozitu li jsir minn kull agent li ghandu kont maghhom. Qal li l-flus jigu depozitati fil-BOV u kull meta xi agent jaghmel pagament, il-BOV jibghat email lill-istaff tieghu (tax-xhud) li mbaghad jivverifikaw li dan tassew sar u jiddahhal fis-sistema. Spjega li l-lista ta' tranzazzjonijiet li hu pprezenta precedentement ma kinitx lista ta' depoziti bankarji li saru, izda lista ta' meta ddahhlu fis-sistema taghhom, cioe' xi tlett ijiem wara. Zied li meta l-attur qajjem il-kwistjoni dwar id-depozitu ta' hamest elef Ewro (€5000) huwa vverifika fis-sistema taghhom. Ipprezenta din il-lista li giet immarkata bhala Dok. Z1 fejn jidhru tliet depoziti, tnejn ta' tlett elef (3000) u wiehed ta' hamsa (5000). Dawn jidhtu kkreditati mill-kumpanija attrici. Id-data murija hija meta ddahhlu fis-sistema. Il-User number 2976 huwa l-Internal Administrator, Account 28 huwa S.I.T. is-socjeta' attrici. Tenna li dawn huma t-tliet depoziti li saru mis-socjeta' attrici. Il-Log ID fuq ix-xellug huwa d-database identification u jigi ggenerat mill-istess database u ma jistax jigi manipulat. Ikkonferma li d-depozitu ta' hamest elef (€5000) maghmul mis-socjeta' konvenuta ddahhal fis-sistema fid-9 ta' Frar 2012 kif muri fid-dokument Z1, ddahhal fl-10:05:28 ta' filghodu. Qal li meta mar

jikkonferma dwar dan id-dpozitu mal-bank ma rnexxielux isibu mill-ewwel u kellu jaghmel xi verifiki fejn imbaghad sab li d-depositu tassew kien sar fid-29 ta' Ottubru 2011. Sussegwentement meta rega' ccekkja fl-email records taghhom, sab li kien hemm skambju ta' emails dwar dan id-depozitu bejn Maria Xuereb mis-socjeta' attrici u l-administrator taghhom li sadanittant ma kienx ghadu jahdem hemm. Spjega li probabilment l-agent li ghamel id-depositu ma identifikax ruhu mal-bank u ghalhekk ma kinux jafu min effettivament ghamel id-depositu sakemm Maria Xuereb fit-8 ta' Frar 2012 qalet li kellha depositu nieqes. In segwitu gie verifikat li d-depositu sar u ddahhal fis-sistema kif suppost. Esebixxa email immarkata Z2 rigwardanti dan.

Fit-18 ta' Novembru, 2015 rega' xehed **Dr. David Pollina** bil-lingwa Ingliza. Gie muri d-dokument immarkat Dok. BOV1, li hija deposit slip tal-Bank of Valletta u qal li l-persuna li jidher li ghamlet dan id-depozitu hija Charlene Bugelli, li kienet impjegata tieghu u skont hu jidher li din ma mxietx mal-procedura billi ma nizzlitx dan id-depozitu minghand min kien gie, u allura meta l-administrators raw din it-tranzazzjoni *on line*, ma setghux ikunu jafu min ghamilha. Qal li dan kien spjegat fix-xhieda tieghu. Ikkonferma li f'Jannar 2011 kienu baghtu email lit-tour operators taghhom kollha sabiex jaggornaw l-informazzjoni taghhom. Skont hu s-socjeta' attrici kienet wiegbet billi baghtet lista ta' erba' email addresses. Din il-korrispondenza giet esebita u immarkata bhala Dok. DP u spjega li dawn huma l-erba' indirizzi tal-email li kienu se jigu pprezentati bhala provi aktar 'il quddiem u s-sors minn fejn allura gabu l-indirizzi msemmija.

Imbaghad spjega li s-sitwazzjoni mal-Heritage Malta kienet ilha ghaddejja ghal diversi xhur, pero’ peress li kienu marbutin bi ftehim ta’ kunfidenzjalita’ dwar in-negozjati, ma setghux jaghtu nformazzjoni lit-tour operators.

Imbaghad kompla li fit-tieni gimgha ta’ Novembru 2011, Heritage Malta ddecidew li johorgu l-informazzjoni huma stess, u allura una volta din l-informazzjoni saret ta’ dominju pubbliku, huma setghu jikkummentaw. Ghaldaqstant fit-18 ta’ Novembru 2011, intbaghat avviz lit-tour operators kollha. Kopja ta’ dan l-avviz giet esebita u mmarkata bhala Dok. DP1. Maghha hemm ukoll tliet *email cover sheets* li juru tliet email addresses tal-kumpanija attrici, fejn filfatt intbaghat dan l-istess avviz. Skond hu dan id-dokument kien juri li seta’ kien hemm xi problem ma’ Heritage Malta. Zied li l-ewwel avviz intbaghat minn Heritage Malta direttament. Sussegwentement in-negozjati ma’ Heritage Malta komplew. Fis-7 ta’ Dicembru, 2011, wara diversi domandi minghand it-tour operators, kien hareg avviz iehor min-naha ta’ Maltaticket.com, fejn ta spjegazzjoni ghad-domandi taghhom. Dan gie esebit u mmarkat bhala Dokument DP2. Spjega li kif jidher mill-kopja esebita, dan l-avviz intbghat lil hames email addresses, li kollha jappartjenu lis-socjeta’ attrici, liema indirizzi gew provduti mill-istess socjeta’ attrici kif jidher mid-Dokument immarkat precedentement u mmarkat DP, u dan barra email address iehor li kienu diga’ pprovdew qabel.

Ix-xhud ghamel referenza ghal paragrafu numru 3 tad-Dok. DP 2 partikolarment ghall-mistoqsija jekk jistghux jingibdu flus minn *top-up.* Huwa kkummenta li t-twegiba hija wahda kategorika, u cioe’ li dan ma setax isir. Sussegwentement fid-19 ta’ Dicembru, 2011 huma baghtu avviz iehor, li gie esebit u mmarkat bhala Dokument DP3 u din id-darba wkoll intbaghat fil-hames email addresses fornuti mis-socjeta’ attrici.

Gibed l-attenzjoni ghall-punt numru tlieta f'din l-email u ghar-risposta li kienet li ma kategorikament ma setghux jirtiraw il-fondi mit-top up. Qal li fid-19 ta' Dicembru 2011 bghatu avviz iehor li gie mmarkat Dok DP3 fejn ukoll juri l-email addresses fejn intbghat l-avviz lis-socjeta' attrici.

Ix-xhud qal li f'dan l-istadju Heritage Malta kienet qed thedded li tittermina l-kuntratt fil-21 ta' Dicembru 2011 f'nofs il-lejl nonostante li n-negozjati bejniethom kienu ghaddejjin u kien hemm ukoll proceduri bil-Qorti. Spjega li bosta tour operators kienu qalu li s-sistema tat-top up kienu juzawha principalment fir-rigward ta' biljetti ta' Heritage Malta u jghid li lejn l-ahhar tal-ewwel pagna u fil-bidu tat-tieni pagna ta' Dok. DP3, dan l-ilment gie trattat ukoll. (Hawn ghamel referenza ghall-parti miktuba in italics). Qal li huma kienu tawhom struzzjonijiet biex bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2011 johorgu biljetti kemm jistghu mill-fond ta' dan it-*top up*. Irrakkomandalhom jaghmlu hekk sal-20 ta' Dicembru, 2011 u li setghu johorgu l-biljetti f'pakketti ta' mija. (fol. 228 numru 1). Kompla jinfurmahom li diment li Heritage Malta ma titterminax il-kuntratt fil-21 ta' Dicembru, huma setghu jergghu ipoggu l-valur tal-biljetti lura fil-kont u kollox jibqa' miexi bhas-soltu. Kompla jispjega li f'numru 3 a fol. 228 huwa tahom struzzjonijiet dwar x'ghandhom jaghmlu jekk Heritage Malta effettivament tittermina l-kuntratt. Qal li f'dak l-istadju hadd ma kienx jaf ezattament is-sitwazzjoni x'kienet u kien hemm hafna ghajdut.

Kompla li fil-21 ta' Dicembru 2011, Heritage Malta tterminat il-kuntratt u s-socjeta' attrici ma kinitx segwiet l-istruzzjonijiet li nghatawlha fid-19 ta' Dicembru. Baqghu ma semghu xejn minghand is-socjeta' attrici sakemm fil-15 ta' Marzu 2013 ircevew email minghand Anna Maria Grazia Xuereb fejn

f'isem Demajo Group talbithom jirrifonduhom il-bilanc li kien hemm fit-top up taghhom fl-isem ta' Heritage Malta. Spjega li l-isem tal-kumpanija kien M. Demajo Services Limited, li fil-fehma tieghu hija l-'*parent company'* tas-socjeta' attrici. Huwa esebixxa din il-korrispondenza ta' Maria Grazia Xuereb u tar-risposta taghhom, li gew immarkati bhala Dok. DP4.

Fis-6 ta' April, 2016 xehed **Dr. David Pollina** in kontro-ezami fejn iddikjara li sa fejn jaf hu, kien hemm biss ftehim wiehed bejn il-partijiet, li hu dak esebit a fol. 8 tal-atti mmarkat bhala Dok. A, u sa fejn jaf ukoll dan qatt ma gie emendat. Il-bejgh tal-biljetti ta' Heritage Malta kien isir esklussivament minnhom, sa mill-bidu nett tal-kuntratt, cioe' mill-5 ta' Frar 2008 sal-21 ta' Dicembru 2011. Ghalkemm imbaghad zied li l-agenti setghu jixtru l-biljetti direttament minghand Heritage Malta u mhux necessarjament minghandom bilfors u allura dan ifisser li ma kinux l-unici bejjiegha ta' dawn il-biljetti. Spjega li jekk turist ried izur il-Hypogeum, seta' jixtri l-biljetti minn fuq il-post stess, u filfatt il-maggoranza tat-turisti hekk jaghmlu. Pero' mbaghad spjega li biex persuna tixtri l-biljetti online, bilfors kellhom jixtru minghandhom.

Ix-xhud sostna li fil-fehma tieghu, il-kuntratt bejn il-partijiet kien ghadu mhux terminat u semma li f'dan il-kuntratt hemm *termination clause*. Qal li l-kuntratt kien ghal perjodu ta' tliet snin, liema perjodu seta' jkun estiz awtomatikament ghal sena ohra, sakemm xi hadd mill-partijiet ma jkunx irid jittermina. Zied jghid li sa fejn jaf hu, sa dak iz-zmien, is-socjeta' attrici (S.I.T.) ma kinitx gharrfithom li riedet tittermina l-kuntratt.

Mistoqsi jekk fil-kuntratt (Dok. A) hemmx xi klawsola li tghid li xi fondi li jibqghu mhux uzati kellhom jinzammu mis-socjeta' konvenuta, wiegeb li dan

jissemma fi klawsola erbgha (4). Din tghid li S.I.T. kellha tiddepozita l-flus kontra l-bejgh tal-biljetti u mkien m'hemm provdut li setghu jingibdu flus, hlief ghall-bejgh tal-biljetti. Spjega li una volta jkun hemm *top up*, il-kumpanija jkollha tixtri biljetti ghall-valur tal-ammont li jkun ittoppjat. Qabbel din is-sistema ma' dik tal-Vodafone fis-sens li jkollu jintuza l-*credit*. Spjega li l-biljetti jinhargu kontra hlas mill-fondi mizmuma ghand il-klijent ghan-nom tal-agent. Qal li l-kuntratt in kwistjoni hu wiehed *standard* u zied li l-ebda agent qatt ma ttermina kuntratt minn taghhom. Skont ix-xhud jekk il-biljetti ma jinbieghux, il-flus ghandhom jibqghu ghandhom.

Kompla li fit-18 ta' Novembru 2011, is-socjeta' konvenuta Maltaticket kienet infurmat bil-proceduri taghhom lil S.I.T. (Special Interest Travel) kif jidher mid-dokumenti a fol. 224. Zied li l-kuntratt taghhom ma' Heritage Malta, gie tterminat ufficjalment fil-21 ta' Dicembru 2015 u li wara l-21 ta' Dicembru 2011 Heritage Malta kisret il-kuntratt u rrifjutat li tkompli bis-servizzi taghha. Dr. Pollina qal li barra l-biljetti ta' Heritage Malta, s-socjeta' attrici kienet xtrat biljetti ohra u dan peress li kien hemm diversi biljetti ohra ghal *events* differenti offruti fis-sistema apparti dawk tal-Heritage Malta. Zied li l-ghazla tas-socjeta' attrici kienet li jew tixtri biljetti ohra jew titlef il-flus tat-*top up*.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk is-socjeta' tieghu kinitx ivverifikat dwar id-depozitu ta' hamest elef Ewro (€5,000) li sar fid-29 ta' Ottubru, 2011 u li jidher fl-istatement a fol. 208, huwa rrisponda li l-bank ma setax jghid minn fejn kien gej dan id-depozitu.

In ri-ezami Dr. Pollina qal li s-socjeta' S.I.T. kienet akkwistat bosta biljetti ohra disponibbli fuq is-sistema barra dawk ta' Heritage Malta qabel l-2011. Dan jidher mid-dokument esebit a fol. 138 Dok. DP. Ix-xhud qal li Limestone

Heritage, il-Muzew tal-Avjazzjoni, biljetti ghall-Karnival 2009, 2010 u 2011 u l-Malta Jazz Festival, ma jaqghux taht Heritage Malta, filwaqt li dwar il-Muzew tal-Gwerra ma kienx cert.

**Anthony Rossi** xehed fl-4 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li qabel ma dahlu ghal ftehim mas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici kienet tixtri biljetti tal-muzewijiet u postijiet ohrajn kulturali minghand Heritage Malta. Sussegwentement kienet l-istess Malta Heritage li qaltilhom li ghandhom jibdew jixtru l-biljetti minghand MaltaTicket.com. Huwa jiftakar li kien mar rapprezentant tas-socjeta' konvenuta l-ufficcju taghhom certu Dr Pollina u nformahom kif ghandhom jidhlu fis-sistema taghhom biex jibdew negozju maghhom. Naturalment il-biljetti li kienu jixtru tramite s-socjeta' konvenuta kienu dawk li kienu jixtru originarjament minghand Heritage Malta. Pero' huma qatt ma kienu klijenti ta' MaltaTicket.com fis-sens li ma xtrawx biljetti ohrajn minghandhom salv dawk li jikkoncernaw il-Malta Heritage. In segwitu jaf li kienu ffirmaw ftehim mas-socjeta' konvenuta. Huwa ra l-ftehim li hu ezebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dokument A li jinsab a fol 8 tal-process. Huwa gharaf il-firma tieghu bhala Direttur, li kien iffirma fil-5 ta' Frar 2008.

Mistoqsi jekk kienux skambjaw xi korrispondenza qabel ma waslu biex iffirmaw dan l-istess ftehim, Dok. A wiegeb iva filfatt kien hemm. Huwa esebixxa kopja ta' din l-istess korrispondenza li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH. Mistoqsi kemm damu juzaw dan is-servizz qal illi mill-2008 u t-2011 zgur. Meta mbaghad regghu qalulhom il-Malta Heritage qalulhom biex ma jixtrux aktar biljetti minghand din is-socjeta' konvenuta. Huwa gie muri dokument iehor li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH1 u qal illi dan huwa *transaction history* li huma ghandhom ma' Malta Heritage wara li effettivament kienu spiccaw mill-ftehim li kellhom mas-socjeta' konvenuta.

Huwa gie muri dokument iehor li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH2, transazzjonijiet li ghamlu mas-socjeta' konvenuta bejn Novembru 2010 sa meta effettivament spicca dan il-ftehim. Mistoqsi ghaliex m'ghandhiex *transactions* dwar dak li sehh qabel, cioe' mill-2008 sal-2010, qal li jkienu bidlu s-sistema tal-computer u m'ghandhomx *transaction report computerised* ghal dak il-perjodu.

Is-sistema li kienu adoperaw mas-socjeta' konvenuta kienet fis-sens illi huma kienu jiddepositaw somma flus mas-socjeta' konvenuta u minn fuq is-sistema li hija kompjuterizzata kienu jaqtghu l-biljetti li ghandhom bzonn u ghalhekk il-bilanc dejjem jonqos skond ix-xiri li jaghmlu u naturalment meta jonqos konsiderevoli jergghu jiddepositaw u jergghu jibdew. Meta s-socjeta' Malta Heritage qalulhom biex ma jixtrux iktar biljetti minghand is-socjeta' konvenuta spjega li kien ghad baqa' bilanc ghax kienu ghadhom kif iddepozitaw u ghalhekk qal li fil-kont tas-socjeta' konvenuta ghad hemm flejjes taghhom fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€6,418.47). Huwa gie muri dokument iehor li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH3 li hija ittra mibghuta mill-avukati tas-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallsu l-bilanc dovut lilhom u dan fl-istess ammont indikat fir-rikors promotur.

**Anthony Rossi** xehed fl-24 ta' Gunju, 2015 u gie muri dokument esebit fl-atti a fol. 153 tal-process li huwa dokument mahrug minn Maltaticket.com. Mistoqsi jekk kienx hemm xi impjegat li uza s-sistema taghhom biex jixtri biljetti ohrajn apparti dawk ta' Malta Heritage, jghid illi ma jafx bihom. Mistoqsi jekk effettivament inxtrawx biljetti ohrajn apparti ta' Heritage Malta jghid li ma jafx bihom ghalkemm jghid li jista' jkun illi jkollok xi impjegat li uza din is-sistema. Qal li kienu taw struzzjonijiet sabiex minflok ma jixtru l-

biljetti direttament minghand Heritage Malta juzaw is-socjeta' konvenuta. Pero' ma waqqfuhomx milli ma jixtrux biljetti ohrajn. Anzi jghid illi ma qalulhomx biex jixtru biljetti ohrajn tramite s-servizz tas-socjeta' attrici u lanqas ma qalulhom biex ma jixtrux biljetti ohrajn. Gie muri dokument ezebit fl-atti a fol 8 u 9 tal-process. Ikkonferma li dan huwa l-ftehim li huma ghamlu mas-socjeta' konvenuta. F'dan il-kuntratt m'hemmx distinzjoni dwar liema biljetti kellhom jixtru tramite s-socjeta' konvenuta. Jghid li bdew juzaw is-servizzi tas-socjeta' konvenuta proprju meta waqfu jixtru l-biljetti direttament mill-Malta Heritage.com. Mistoqsi jekk il-kuntratt li huma ffirmaw jipprovdix sabiex ikunu jistghu jigbdu lura xi flus li jkunu poggew fis-sistema, jghid illi le. Cahad li hemm xi provediment dwar dan, pero' jaf illi l-kuntratt jghid li jekk inti ghandek flus depozitati maghhom jibqghu fis-sistema taghhom. Ix-xhud gie muri email ezebit fl-atti 154 sa 157 tal-process. Mistoqsi jekk effettivament kinux ircevew struzzjonijiet mis-socjeta' konvenuta x'ghandhom jaghmlu dwar il-flejjes li kien baqaghlhom mal-istess socjeta' konvenuta w dan permezz ta' email datat Dicembru 2011, jghid li sa fejn jaf hu ma kienu rcivew l-ebda struzzjonijet. Qal li ma jiftakarx jekk effettivament is-socjeta' konvenuta qaltilhomx biex juzaw il-flus li kellhom maghha ghaliex is-sistema kienet se tieqaf. Pero' talab li jekk hemm xi email f'dan is-sens, din tigi murija lilu. Zied li pero' kien jaf illi Heritage Malta kienet se twaqqaf is-sistema ta' Maltaticket ghaliex kienu rcivew komunikazzjoni direttament minghand Heritage Malta f'dan is-sens. Mistoqsi x'ghamel meta effettivament sar jaf dwar dan, jghid li baqa' jixtri l-biljetti minghand is-socjeta' konvenuta b'data partikolari. Izda llum-il gurnata id-data ma jiftakarhiex, u dan bil-hsieb illi meta jieqaf jixtri l-biljetti kien se jigi rifuz il-flus li kien baqa' fil-kont tas-socjeta' konvenuta. Mistoqsi sakemm baqa' jixtri l-biljetti minghand is-socjeta' konvenuta, jghid li jekk jiftakar korrettement dam sal-21 ta' Dicembru

tas-sena 2011 li kienet id-data meta' waqaf il-ftehim bejn Heritage Malta u l-Maltaticket.

Gie muri dokument ezebit fl-atti a fol 145 u qal li jaqbel mieghu f'kollox hlief fl-*ahhar item* u jghid illi l-hamest elef li hemm indikati f'dan id-dokument fil-parti t'isfel giet depozitata mas-socjeta' konvenuta f'Novembru tas-sena 2011 u cioe' qabel ma ghalaq il-ftehim bejn Maltaticket.com u l-Malta Heritage u mhux kif hemm imnizzel hemmhekk li effettivament gie depozitat fi Frar 2012. Qal li dan jista' jippruvah billi jgib l-informazzjoni relattiva mill-Bank of Valletta. Spjega li l-ahhar *top up* li huma ghamlu mas-socjeta' konvenuta kien f'Novembru 2011 u dan tramite 24 by 7. Jghid li huwa cert li kienet l-ahhar gimgha ta' Novembru 2011. Kompla illi effettivament huma kienu konxji li kien ha jinghalaq il-ftehim bejn Malta Heritage u Maltaticket.com pero' jaf li kellhom xi gruppi gejjin u riedu juzawhom b'din is-sistema.

**Anthony Rossi in rapprezentanza tas-socjeta' attrici**, rega' xehed fis-7 ta' Ottubru 2015. Ghamel referenza ghax-xhieda ta' Joseph Caruana in rapprezentanza tal-Bank of Valletta tas-7 ta' Lulju 2015 fejn anke kien prezenti waqt din is-seduta. Jaf li l-istess Joseph Caruana kien gab mieghu xi kopji ta' statements ta' Miqna Limited. Sostna li minn verifiki li ghamel dwar dawn il-kopji ezebiti minn Joseph Caruana, sab illi wiehed mill-istatements, u cioe' dak fejn huma kienu jaghmlu l-pagament, ma kienx wiehed mill-istatements li effettivament gew ezebiti. Ghalhekk in segwitu qal li kien baghat *email* lill-Bank of Valletta, li taghha esebixxa kopja li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z. F'din l-email staqsihom fejn effettivament kienu gew depozitati l-hamest elef Ewro li huma kienu ddepozitaw u jekk effettivament gewx depozitati fil-kont ta' Miqna Limited. Kien ircieva twegiba ghal din l-email tieghu, liema twegiba huwa esebixxa u giet immarkata bhala Dokument Z1.

Skopra li effettivament il-flejjes kienu gew depozitati f'kont tal-Miqna Limited li jissejjah Miqna Systems Limited u qal li fil-fatt din l-istess risposta tal-bank tinsab fl-istess email Dok. Z.

**Noel Zammit in rapprezentanza ta' Heritage Malta** xehed fit-2 ta' Lulju 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Head Corporate Services I.T. Huwa esebixxa l-ftehim rigwardanti l-bejgh ta' biljetti li kien hemm bejn is-socjetajiet Heritage Malta u s-socjeta' Maltaticket.com Limited li gie mmarkat bhala dokument HM. Huwa tenna li effettivament dan il-ftehim kien gie ffirmat fit-30 ta' Gunju 2008. Pero' illum-il gurnata dan il-ftehim m'ghadux in vigore, gie terminat meta spicca zmienu jigifieri ma giex *renewed*. Huwa ddikjara li dana ma giex *renewed* ghax ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet. Illum-il gurnata m'ghandhom l-ebda relazzjoni mas-socjeta' MaltaTicket.com Limited ghalkemm ghandhom pendenza bejniethom fuq dan l-istess ftehim li spicca. Dan ghax Malta Heritage ghandha tiehu xi flus minghand is-socjeta' MaltaTicket.com Limited. Huwa esebixxa kopja ta' *ledger* tal-S.I.T. li gie mmarkat bhala Dokument HM1 u dana b'effett mill-2012 u tenna illi bejn is-26 ta' Dicembru 2011 u l-24 ta' Gunju 2014, l-ammont ta' biljetti kien 1,399 li jammontaw ghal erbat elef, erba' mija u sebgha u tletin ewro u hamsa u erbghin centezmu. Mistoqsi jekk ghandhomx xi records dwar il-bejgh li kienet taghmel is-socjeta' qabel ma gie ffirmat dan il-ftehim qal illi m'ghandux. Illum-il gurnata ghandhom sistema ta' *ticketing* ohra u t-*tour operators* jixtru direttament mill-ufficju taghhom u ghalhekk is-socjeta' Maltaticket.com m'ghandha x'taqsam xejn aktar mal-Malta Heritage.

**Joseph Caruana ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c**. xehed fis-7 ta' Lulju, 2015. Mitlub sabiex jaghti nformazzjoni dwar kont bankarju tas-socjeta' Miqna Limited u Maltaticket.com Limited u dan ghal

perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u d-29 ta' Frar 2012, jghid illi mir-ricerka li ghamel sab li Maltaticket.com Limited bin-numru ta' registrazzjoni C41085 kellha kont wiehed biss. Esebixxa l-i*statement* tal-Current Account ta' din is-socjeta' li l-Qorti mmarkat bhala Dokument BOV. Esebixxa wkoll kopja tal-istatements tal-*bank account* tas-socjeta' Miqna Limited u qal li fil-perjodu li gie mitlub jaghmel ricerka ghalih, din kellha erba' kontijiet li huwa esebixxa u li l-Qorti mmarkat bhala Dokument BOV1, 2, 3 u 4 rispettivament.

**Audrey Ghigo ghan-nom u in rapprezentanza tal-bank HSBC** xehdet fis-7 ta' Lulju, 2015. Hija kienet intalbet taghmel ricerka dwar il-kontijiet bankarji f'isem il-kumpanija Miqna Systems Limited u Maltaticket.com Ltd mizmuma mill-HSBC plc ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2011 u d-29 ta' Frar 2012. Tghid pero' li ma nghatawx registration number tal-kumpanija Miqna Systems Limited, filwaqt li l-kumpanija Maltaticket.com Limited bin-numru tar-registrazzjoni C41085, m'ghandhiex kontijiet pendenti mal-HSBC. Seduta stante x-xhud giet infurmata illi n-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija Miqna Systems Limited huwa C38184 u ghalhekk setghet tghid li fil-perjodu ndikat din il-kumpanija kellha current account bin-numru 009014572001. Esebiet kopja tal-current account balance statement ta' dan il-kont li giet mmarkata bhala Dok. HSBC. Qalet li kellhom ukoll Savings Account bin-numru 009014572050 li gie esebit u mmarkat bhala Dok. HSBC1.

**Joanne Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta** xehdet nhar it-28 ta' Ottubru, 2015 wara li giet mitluba taghti *statement* tal-kont bankarju bin-numru 40015487270 ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u l-31 ta' Marzu 2012. Ix-xhud ezebiet dan l-i*statement* li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument BOV. Saritilha referenza partikolari ghall-*insert* li jidher fuq dan l-i*statement* datat 29 ta' Ottubru 2011 fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000). Mistoqsija jekk jirrizultalhiex minn fejn gie dan l-ammont, wiegbet

li tista' tasal ghall-*contra entry* ta' dan il-pagament u b'hekk tasal ghat-terza persuna minn fejn ikunu hargu dawn il-flejjes.

Illi fit-18 ta' Novembru, 2015 regghet xehdet **Joanna Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta** u esebiet *deposit slip* ta' hamest elef Ewro (€5,000) li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument BOV1. Qalet li l-persuna li ddepozitat dan l-ammont ta' flus kellha karta tal-identita' numru 114986M. Naturalment id-*deposit slip* in kwistjoni ghandha n-numru tal-kont fejn kellhom jigu kreditati l-flejjes.

Rat in-nota ta' sotttomissjonijiet tas-socjeta' attrici pprezentata fl-atti nhar il-15 ta' Gunju 2016 (fol. 240) u dik tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-atti nhar it-18 ta' Lulju 2016 (fol. 250).

Rat illi fl-ahhar seduta mizmuma mill-Qorti deher Dr David Pollina ghas-socjeta' konvenuta u deher Dr. Mark Simiana ghas-socjeta' attrici li awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

F'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob lil din l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha jew ahjar tirrifondiha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€6,418.47) rapprezentanti somma flus li s-socjeta' attrici hallset lis-socjeta' konvenuta rapprezentanti bejgh ta' biljetti ghal muzewijiet, liema biljetti pero' qatt ma gew konsenjati.

Is-socjeta' konvenuta fl-ewwel lok eccepiet li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza ratione materiae. Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-

sentenza preliminari moghtija fl-ismijiet premessi nhar is-26 ta' Marzu 2014 fejn cahdet din l-istess eccezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid tikkunsidra it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' li tali talba attrici mhix sostenibbli u dan ghaliex fil-fehma taghha is-socjeta' attrici qed titlob li tiehu lura flus li hija stess poggiet ghad-disposizjoni tas-socjeta' konvenuta sabiex dawn il-flejjes jintuzaw ghall-bejgh ta' biljetti u skond il-klawsola numru '4' tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet esebit fl-atti a fol.8 u mmarkat bhala Dok A, is-socjeta' attrici mhix permessa li tigdeb lura il-flus li tkun ddepositat fil-fond izda tista' titlob lura biss biljetti u ghalhekk it-talba attrici kellha tigi michuda.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tezamina il-provi prodotti u d-dokumenti esebiti sabiex tasal ghall-gudizzju taghha jekk effettivament is-socjeta' attrici hix intitolata ghar-refuzjoni tal-flus li gew depositati fil-kont tas-socjeta' konvenuta permezz ta' sistema '*top up'*.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' attrici kienet iffirmat ftehim mas-socjeta' konvenuta li jinsab esebit fl-atti a fol 8 immarkat bhala Dok A u dan sabiex tinghata servizz billi tixtri biljetti li fl-imghoddi kienu jinbieghu minn Heritage Malta sabiex wara tbieghhom bi profitt lill-klijenti taghha.
2. IlIi jirrizulta li dan il-ftehim dam fis-sehh ghal certu zmien u fil-pendenza tieghu s-socjeta' attrici kienet tixri numru sostanzjali ta' biljetti u dan billi hija tiddeposita flus fil-kont bankarju tas-socjeta' konvenuta b'sistema ta' speci '*top up'* u in kontro kambju tiehu biljetti skond l-ammont ta' flus li tkun iddepositat.

3. Illi jirizulta wkoll anke mid-dokument esebit minn Dr David Pollina stess (Dok DP fol. 153) li l-maggor parti tal-biljetti li kienet tixri is-socjeta' attrici kienu in konnessjoni mal-Heritage Malta.
4. Illi in segwitu jirrizulta anke minn dak li xehed Dr David Pollina stess li kienet inqalghet tilwima bejn Heritage Malta u s-socjeta' konvenuta u li is-socjeta' konvenuta kienet giet projbita milli tkompli tbiegh il-biljetti ta' Heritage Malta.
5. Illi minkejja din it-tilwima pero' Dr David Pollina kien baghat ittra lill-klijenti kollha tas-socjeta' konvenuta fejn infurmhom li cio' nonostante it-tilwima li kellha ma' Heritage Malta xorta kienet ser tkompli tbiegh il-biljetti ta' Heritage Malta ghaliex sostniet li il-ftehim li hija kellha ma' Heritage Malta kien gie mgedded sa Dicembru 2015. (vide e-mail datata 7 ta' Dicembru 2011 a fol 225)
6. Illi in segwitu jirrizulta li Heritage Malta ghamlet il-komunika taghha mas-socjeta' attrici u infurmatha li s-socjeta' konvenuta ma kinitx ghadha awtorizzata tbiegh il-biljetti ghas-siti li kienet tiehu hsieb hi.
7. Jirrizulta minn ezami tad-dokumenti bankarji li gew esebiti mmarkati bhala Dok BOV a fol 203 jirrizulta li fid-29 ta' Ottubru 2011 is-socjeta' attrici kienet ghamlet zewg deposits fil-kont tas-socjeta' konvenuta fl-ammont reklamat fir-rikors promotur.
8. Illi in segwitu fis-7 ta' Dicembru 2011 is-socjeta' konvenuta baghtet e-mail lis-socjeta' attrici (Dok DP 2 fol 225) fejn gharrfitha li s-socjeta' attrici ma setghetx tirtira il-flejjes li kienet iddepositat izda setghet biss tkompli tuzhom ghal xiri ta' biljetti (vide paragrafu enumerat 3 fl-email Dok DP2) .
9. Illi s-socjeta' attrici xtaqet tirtira il-flejjes li kellha depositati mas-socjeta' konvenuta ghaliex una volta ma setghetx tkompli tixtri biljetti ta' Heritage Malta minghandha ma hassitx aktar il-htiega li tkompli tonora dan il-ftehim.

Ma hemmx dubbju li kollox jiddepnedi fuq il-ftehim li gie iffirmat bejn il-partijiet nhar il-5 ta’ Frar 2008 (Dok A) u dan ghaliex huwa dan il-ftehim li jorbot lill-partijiet.

F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim’Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 (Citazzjoni Numru. 1348/2000/TM) fil-kawza fl-ismijiet: ‘**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe’** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*“Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista’ twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat.* Ara wkoll Beacon vs Spiteri Staines, App 05/10/1998; **Grace Spiteri et vs Carmel sive Lino Camilleri et**, PA 30/05/2002; **Paul Camilleri et vs Joseph Glanville et**, PA 28/04/2003); **Mary Pace vs C. Fino & Sons Ltd**, App Inf 17/02/2003; **Tigne vs Borg**, App Inf 04/10/2011.”

Fis-sentenza fl-ismijiet ‘**Francis Paris et vs Maltacom plc’** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta’ Ottubru 2004 inghad b’referenza ghall-istitut ta’ *pacta sunt servanda* li:-

“*Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta’ bejniethom hu prezunt li qabel ma jiffirmaw dak il- ftehim qiesu c-cirkostanzi tal-kaz u ta’ l-interesssi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor anchorche bazat fuq ekwita. Il-principju tar-rispett ghal volonta tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftiehmu fuqu il-partijiet ghandu ‘forza ta’ ligi’ ghalihom ....u l-Qorti*

*m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftiehmu bil-volonta taghha"*

Illi f'dan il-kaz il-partijiet kienu jafu x'qed jiffirmaw u dan qed jinghad ghaliex hadd mill-partijiet ma ghamel xi kontestazzjoni dwar il-kontenut ta' dan il-ftehim minkejja li qed jaghtu interpretazzjonijiet diversi. Huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat (ara **Clive Simpson vs John Saliba nomine et**, PA 22/06/2004 u **Frendo vs Caruana**, App Civ 28/01/1999).

Fejn il-kitba hi cara, dak li kien miftiehem ghandu johrog mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'mohhom il-partijiet (ara **Brincat vs Saliba**, App Civ 14/11/1983).

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru 1983 "**Albert Brincat et vs Ant Saliba pro et noe"** il-Qorti kienet qalet illi ma kienx permessibbli li jingieb xhieda orali biex tigi spjegata skrittura privata illi kienet cara u li ma kienet thalli l-ebda dubju. Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman li "*Quoties in verbis nulla est ambiguitas ibi nulla exposito verba fienda est."*

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina il-kontenut ta' dan l-istess ftehim Dok A esebit fl-atti a fol. 8. M'hemmx dubju li dak li jirregola x'ghandu jsir mill-flus li jghaddu mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta huwa regolat mill-artikolu 4 tal-kuntratt li sar bejniethom. Dan l-artikolu jipprovdi is-segwenti:-

"*Issuance of Admission tickets through the system will only be against payment from funds held by the Miqna client Trust on behalf of Agent for disbursement herunder. Additional funds may be added by Agent to this account at any time through authorization submitted in the system. The funds debited from this account at the time of Admission Tisket issuance will reflect any discount schemes which such issuance is then eligible for. The only exception to this method of payment will be when an Attraction Operator makes special payment terms available to Agent, in which case, issuance of Admission tickets hereunder by Agent will be without any payment from Agent's account with the Trust, and will bind Agent to such Attraction Operator to make payment directly thereto as agreed between them.*"

Illi mis-suespost jirrizulta li l-flejjes li jigu akkreditati fil-kont tas-socjeta' konvenuta isehh sabiex permezz ta' dan il-kreditu is-socjeta' attrici tkun tista' in kontro kambju tixtri biljetti. Ghalhekk id-depozitu isir ghar-raguni specifika biss.

Jinghad li dan il-ftehim kien jorbot lill-partijiet ghal perjodu ta' tlett snin kif jirrizulta minn dak dispost taht l-intestatura 'Term of Agency' u ghalhekk dan il-ftehim kien jorbot lill-partijiet sas-6 ta' Frar 2011 u jiggedded ghal sena sena skond dak mahsub. Pero' jinghad ukoll li kwalsiasi parti tista' tittermina dan il-ftehim jekk ikun hemm xi ksur tal-kuntratt.

Issa jirrizulta li meta s-socjeta' attrici kienet iffirmat dan il-ftehim hija kellha ghad-disposizzjoni taghha l-bejgh tal-biljetti tal-Heritage Malta. Pero' wara li kien hemm xi tizgwid bejn Heritage Malta u s-socjeta' konvenuta dawn il-biljetti ma baqghux aktar ghall-bejgh. Illi minn ezami tad-dokument esebit minn Dr David Pollina stess u cioe' Dok CSH 1 a fol 35 jirrizulta li l-maggor parti tal-biljetti li kienet tixtri s-socjeta' attrici kienet tirrigwarda s-siti li kienu

jaqghu taht il-Heritage Malta u ghalhekk una volta s-socjeta' konvenuta kisret ir-relazzjoni kummercjali li kellha ma' Heritage Malta, is-socjeta' attrici kellha kull raguni ghaliex hi ukoll tikser ir-relazzjoni kummercjali taghha maghha u dan ghaliex l-iskop tal-ftehim ma baqax aktar vijabbli finanzjarjament. In kwantu dan il-ftehim hu bazat fuq in-nozzjoni ta' l-*uberrimae fidei,* kuntratt bhal dan ghandu jirrivesti l-bona fede fil-perkors u durata kollu tieghu.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-linja difensjonali ewlenija taghha li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet kien wiehed ta' depozitu *sic et simplicite*. Dan ghaliex filwaqt li huwa minnu li s-socjeta' attrici kienet qed tiddeposita flejjes ghand is-socjeta' konvenuta, dan kienet qed taghmel hekk bhala sistema ta' '*top up'* sabiex a bazi tal-flejjes taghha hekk depositati, hija tkun tista' tixtri il-biljetti taghha. Ghalhekk din mhix kwistjoni li s-socjeta' attrici qabdet u iddepositat il-flejjes ghand is-socjeta' konvenuta bla raguni ghaliex id-deposit sar taht il-pretest li a bazi tieghu jinxtraw il-biljetti. Dan id-depozitu zgur ma sarx sabiex jinzammu mis-socjeta' konvenuta. Mhux minnu li kien hemm l-element li s-socjeta' konvenuta kienet obbligata li trodd lura l-flus minnufih appena tigi hekk mitluba ghaliex l-iskop ta' dan il-hlas kien wiehed specifiku. Cio' nonostante pero' is-socjeta' konvenuta mhix intitolata li zzomm dawn il-flejjes ghandha peress li llum il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet skada u ghalhekk kieku din il-Qorti kellha tichad it-talba attrici sabiex tigbor il-flus taghha, is-socjeta' konvenuta tkun qed tarrekkixxi ruhha indebitament. Kif sewwa ghamlet is-socjeta' attrici hija ghamlet referenza ghall-Artikolu tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 1028A. Il-kuncett ta' arrikkiment indebitu hu definit fl-Artikolu 1028A tal-Kodici Civili li jipprovdi:-"Min, **minghajr kawza gusta,** jarrikkixxi ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti tal-arrikkiment ihallas

lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet sofriet dik il-persuna" (enfazi tal-Qorti)[1].

F'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta qed tippretendi li zzomm ghandha il-flejjes li kienu gew depozitati ghandha mis-socjeta' attrici minkejja li l-istess socjeta' attrici ma xtrat l-ebda biljetti bihom u b'hekk hija sejra tarrekkixxi ruhha minn dawn il-flejjes. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jekk is-socjeta' konvenuta zzomm il-flejjs depositati ghandha (liema flejjes ma gewx kontestati li jinsabu f'idejn is-socjeta' konvenuta) hija sejra tarrekkixxi ruhha minn dan il-fatt.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li din gja giet trattata fis-sentenza preliminari taghha tas-16 ta' Marzu 2014 u tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tordna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lura is-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€6,418.47) kif mitluba fir-rikors promotur.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza huma kollha a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

---

[1] "Kombinati flimkien ghandu jjirrizulta illi l-presupposti ta' l-arrikkiment jinkludu
(i) l-arrikkiment ingustifikat, (ii) id-dannu, (iii) ir-rabta bejn id-dannu u l-arrikkiment
(iv) in-nuqqas ta' gusta kawza, u (v) il-mankanza ta' xi azzjoni ohra stabbilita mil-ligi." (**Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd** deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-26 ta' Frar 2010).